Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 63/00

Pupulio Attard u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2000 stante il-mewt ta' Pupulio Attard il-gudizzju gie trasfuz fl-ismijiet ta' Ganni Attard, Marija Calleja, Joseph Attard f'ismu u f'isem ohtu assenti Helen Borg kif ukoll Maria Dolores Attard u Carmen Attard.

Vs

George Debono

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u disghin lira Maltin (Lm590) rapprezentanti xoghol ta' gebel lilu kkonsenjat mill-mejjet Censu Attard li jigi t-tifel ta' l-attur Pupulio Attard u hut l-atturi l-ohra.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-interess mid-data tal-prezentata tal-avviz.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u ghaldaqstant wara li semghet bil-gurament lill-attur Ganni Attard issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija u disghin lira (Lm590).

Bl-imghaxijiet legali b'effett mid-19 ta' Jannar 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg